Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 141/20**
il-Lussemburgu, 19 ta' Novembru 2020

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-663/18
BS u CA v. *Ministère public et Conseil national de l'ordre des pharmacien*

# Stat Membru ma jistax jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni tal-kannabidjol (CBD) legalment prodott fi Stat Membru ieħor meta jiġi estratt mill-pjanta tal-*cannabis sativa* kollha kemm hi u mhux mill-fibri u ż-żrieragħ tagħha biss

*Din il-projbizzjoni tista' madankollu tkun iġġustifikata minn għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, iżda ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq*

BS u CA huma l-ex diretturi ta' kumpannija li għandha bħala għan il-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni ta' sigarett elettroniku taż-żejt tal-kannabidjol (iktar 'il quddiem iċ-"CBD"), molekula preżenti fil-qanneb (jew *cannabis sativa*) u li tifforma parti mill-familja tal-kannabinojdi. F'dan il-każ, iċ-CBD ġie prodott fir-Repubblika Ċeka minn pjanti tal-qanneb ikkultivati legalment u użati fl-intier tagħhom, weraq u fjuri inklużi. Sussegwentement, huwa ġie importat fi Franza sabiex jiġi ppakkjat f'kontenituri ta' sigaretti elettroniċi.

Inbdew proċeduri kriminali kontra BS u CA, għaliex, skont il-leġiżlazzjoni Franċiża [1], huma biss il-fibri u ż-żrieragħ tal-qanneb li jistgħu jkunu s-suġġett ta' użu kummerċjali. Ikkundannati mit-tribunal correctionnel de Marseille (il-Qorti Kriminali ta' Marseille, Franza) għal 18 u 15-il xahar priġunerija sospiżi, kif ukoll għal multa ta' EUR 10 000, huma appellaw quddiem il-cour d'appel d'Aix-en-Provence (il-Qorti tal-Appell ta' Aix-en-Provence, Franza). Din il-qorti qed tistaqsi għalhekk dwar il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni, tal-leġiżlazzjoni Franċiża, li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni taċ-CBD legalment prodott fi Stat Membru ieħor, meta jiġi estratt mill-pjanta tal-*cannabis sativa* kollha kemm hi u mhux mill-fibri u ż-żrieragħ tagħha biss.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-liġi applikabbli għas-sitwazzjoni inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, hija teskludi r-regolamenti dwar il-politika Agrikola Komuni [2]. Fil-fatt, dawn it-testi ta' dritt sekondarju japplikaw biss għall-"prodotti agrikoli" indikati fl-Anness I tat-Trattati. Issa, iċ-CBD, estratt mill-pjanta tal-*cannabis sativa* kollha kemm hi, ma jistax jitqies li huwa prodott agrikolu, b'differenza, pereżempju, mill-qanneb mhux maħdum. Għalhekk dan ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija ġewwa l-Unjoni (Artikoli 34 u 36 TFUE) huma applikabbli, peress li ċ-CBD inkwistjoni fil-

---

[1] Digriet tat-22 ta' Awwissu 1990 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu R. 5132–86 tal-Kodiċi dwar is-Saħħa Pubblika għall-kannabis (JORF tal-4 ta' Ottubru 1990, p. 12041), kif interpretat miċ-ċirkulari tal-Ministeru għall-Ġustizzja Nru 2018/F/0069/FD 2, tat-23 ta' Lulju 2018, li għandha bħala suġġett is-sistema ġuridika applikabbli għall-istabbilimenti li joffru għall-bejgħ lill-pubbliku prodotti li ġejjin mill-kannabis (coffee shops).

[2] Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7); Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 8 u fil-ĠU 2020, L 1, p. 5).

kawża prinċipali ma jistax jitqies li huwa "droga narkotika". Sabiex tasal għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li l-persuni li jikkummerċjalizzaw drogi narkotiċi ma jistgħux jinvokaw l-applikazzjoni tal-libertajiet ta' moviment peress li tali kummerċjalizzazzjoni hija pprojbita fl-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni ta' kummerċ strettament ikkontrollat fid-dawl ta' użu għal finijiet mediċi u xjentifiċi.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li, sabiex jiġu ddefiniti l-kunċetti ta' "droga" jew ta' "droga narkotika", id-dritt tal-Unjoni [3] jagħmel riferiment b'mod partikolari għal żewġ konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti: il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi [4] u l-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi [5]. Issa, iċ-CBD ma jissemmiex fl-ewwel waħda u, għalkemm huwa minnu li interpretazzjoni letterali tat-tieni tista' twassal sabiex dan jiġi kklassifikat bħala droga narkotika, bħala estratt tal-kannabis, din l-interpretazzjoni tmur kontra l-ispirtu ġenerali ta' din il-konvenzjoni u l-għan tagħha li tipproteġi "s-saħħa fiżika u morali tal-umanità". Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, skont l-istat attwali tal-għarfien xjentifiku, li huwa neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni, b'differenza għat-tetraidrokannabinol (komunement imsejjaħ THC), kannabinojdu tal-qanneb ieħor, iċ-CBD inkwistjoni ma jidhirx li għandu effett psikotropiku jew effett dannuż fuq is-saħħa tal-bniedem.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija jipprekludu leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni. Fil-fatt, il-projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni taċ-CBD tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni, ipprojbita mill-Artikolu 34 TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża madankollu li din il-leġiżlazzjoni tista' tiġi ġġustifikata minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 36 TFUE, bħall-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika invokat mir-Repubblika Franċiża, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-imsemmi għan u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq. Għalkemm din l-aħħar evalwazzjoni għandha ssir mill-qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti żewġ indikazzjonijiet f'dan ir-rigward. Minn naħa, hija tirrileva li jidher li l-projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni ma taffettwax iċ-CBD sintetiku, li għandu l-istess proprjetajiet taċ-CBD inkwistjoni u li għalhekk jista' jintuża bħala sostitut għal dan tal-aħħar. Li kieku dan il-fatt seħħ, dan ikun ta' natura li jindika li l-leġiżlazzjoni Franċiża ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq, b'mod koerenti u sistematiku, l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li r-Repubblika Franċiża ma hijiex, ċertament, obbligata turi li l-perikolożità taċ-CBD hija identika għal dik ta' ċerti drogi narkotiċi. Madankollu, **il-qorti nazzjonali għandha tevalwa d-data xjentifika disponibbli sabiex tiżgura ruħha li r-riskju reali allegat għas-saħħa pubblika ma jidhirx li jkun ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet purament ipotetiċi.** Fil-fatt, **projbizzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni taċ-CBD, li tikkostitwixxi, barra minn hekk, l-iktar ostakolu restrittiv għall-kummerċ li jikkonċerna l-prodotti legalment immanifatturati u kkummerċjalizzati fi Stati Membri oħra, tista' tiġi adottata biss jekk dan ir-riskju jidher li jkun suffiċjentement stabbilit**.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

[3] Riferiment b'mod partikolari għall-Artikolu 1(1) (a) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU 2006, L 153M, p. 94).

[4] Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1971 dwar is-Sustanzi Psikotropiċi, konkluża fi Vjenna fil-21 ta' Frar 1971 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1019, Nru 14956).

[5] Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, konkluża fi New York fit-30 ta' Marzu 1961, kif emendata bil-Protokoll tal-1972 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 520, Nru 7515).

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](Europe by Satellite)" ☎ (+32) 2 2964106*